

Brussell, 21 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14658/17

AGRI 640
AGRIFIN 118
FIN 744

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 7/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Ir-rwol il-ġdid tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-infiq taħt il-PAK: pass pożittiv lejn mudell ta' awditu uniku iżda hemm dgħufijiet sinifikanti li jridu jiġu indirizzati" -Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 7/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Ir-rwol il-ġdid tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-infiq taħt il-PAK: pass pożittiv lejn mudell ta' awditu uniku iżda hemm dgħufijiet sinifikanti li jridu jiġu indirizzati"

adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu:

***"Ir-rwol il-ġdid tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-infiq taħt il-PAK: pass pożittiv
lejn mudell ta' awditu uniku
iżda hemm dgħufijiet sinifikanti li jridu jiġu indirizzati"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 07/2017 tal-Qorti, li jeżamina l-qafas stabbilit biex jippermetti lill-korpi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni jiffurmaw l-opinjoni tagħhom f'konformità mar-regolamenti tal-UE u mal-istandards internazzjonali tal-awditjar;
- (2) JAFFERMA MILL-ĠDID il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2014 dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) dwar "L-affidabbiltà tar-riżultati tal-kontrolli mill-Istati Membri tal-infiq agrikolu", b'mod partikolari l-ħtieġa ta' kosteffettività tal-kontroll u l-awditu permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, waqt li tiġi evitata żieda fil-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u jiġi żgurat li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida ċari għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll adegwati.¹
- (3) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar 'ir-rata ta' żbalji għall-infiq agrikolu'² u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinvolvi b'mod xieraq lill-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-Istati Membri sabiex jipprovdu l-aktar stima eżatta tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-Politika Agrikola Komuni;

¹ Dok. 14553/14.

² Dok. 16798/14.

- (4) JISSOTTOLINJA l-appoġġ tal-Kunsill lill-mudell ta' "awditu uniku" b'ħala t-triq it-tajba sabiex tinkiseb assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa fil-livell tal-Istat Membru u JIRRIKONOXXI l-importanza tax-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward sabiex jgħinu lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' kontroll tagħhom u biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' awditu u kontroll kif ukoll jipprovdu lill-Kummissjoni b'assigurazzjoni addizzjonali indipendenti tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa;
- (5) JINNOTA l-appoġġ tal-Kummissjoni lill-mudell ta' awditu uniku, kif ikkonfermat bil-proposta tagħha għal Artikolu 123 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid³ u JQIS li dan il-mudell huwa diġà permess taħt il-qafas legali attwali għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa agrikola⁴;
- (6) JIBQA' MĦASSEB li l-obbligi addizzjonali ta' awditjar fuq il-korpi taċ-ċertifikazzjoni introdotti bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jistgħu jżidu l-piż tax-xogħol tagħhom u JENFASIZZA, għalhekk, li l-linji gwida għandhom jindikaw b'mod ċar ir-rekwiżiti tax-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni sabiex tiġi evitata żieda fil-piż amministrattiv;
- (7) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tinvolvi bis-siġħ lill-Istati Membri fl-elaborazzjoni ta' linji gwida bi kjarifika u gwida rigward l-awditjar taċ-ċertifikazzjoni li għandu jitwettaq u d-determinazzjoni tal-livell raġonevoli tal-assigurazzjoni tal-awditu li għandu jinkiseb mill-ittestjar tal-awditu biex jimplementaw il-mudell ta' awditu uniku bl-aħjar mod, filwaqt li tiġi rikonossuta l-abbiltà tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni li jipplanaw u jwettqu l-awditi tagħhom skont ir-riskju u l-materjalità;
- (8) JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward li l-linji gwida tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu ċarezza adegwata lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni rigward ir-rwol tagħhom fil-mudell ta' awditu uniku.

³ Dok. 12187/16.

⁴ Regolament 1306/2013.